MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 859/2003

**Antoine Vassallo f'ismu prorju u ezercenti n-negozju bhala Antoine Auto Dealer**

**vs**

**Ludvic Catania**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' April, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elf u sitta u hamsin lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu (Lm1056.24) rapprezentanti prezz ta' karozza mibjugha lill-konvenut permezz ta' kuntratt 'hire purchase' datat 31 ta' Lulju 1998.
Bl-ispejje u bl-imghaxijiet mid-data tal-kuntratt sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg in rapprezentanza tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u sitta u hamsin lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu (Lm1056.24),, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------